TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Guzeppi Attard

vs

Easy Life services Co. Ltd

CCT 174/16/MS

10 ta' April 2017

Ra l-avvizipprezentat mill-attur fit-30 ta' Settembru 2016, fejn talab ir-rifuzjoni ta' €59.90, prezz ta' cintorin tal-massagi mixtri minghand is-socjeta' konvenuta, liema cintorin zviluppatlu hsara irrimedjabbli

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentat fl-24 ta' Ottubru 2016, fejn qabel fis-sustanza ma' dak li qed jistqarr l-attur, pero flok flus ried jaghti *credit note.*

Sema ix-xhieda tal-attur bil-gurament u ra l-atti tal-kawza.

Ra illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu, l-anqas meta l-kawza kienet differita propju ghalhekk.

Ikkunsidra

Illi fil-11 ta' Novembru 2014, l-attur xtara cintorin tal-massaggi (dual shaper) ghal prezz ta' €59.90. Dan il-bejgh kien kopert b'garanzija ta' sentejna (Dok GA). Wara sitt xhur l-oggett ma kompliex jahdem u wara ilment tal-attur is-socjeta' konvenuta bidlitu, izda dan ukoll, wara sitt xhur waqaf milli jahdem. Meta l-attur ilmenta t-tieni darba gie mgharraf mis-socjeta' konvenuta illi l-produzzjoni ta' dan ic-cintorin ma baqghetx issir u ghalhekk offrew illi jaghtuh credit note peress illi c-cintorin ma setax jigi mibdul. L-attur irrifjuta din il-credit note u ppretenda flusu lura. Meta ma sarx ftehim quddiem l-ufficju tal-konsumatur, l-attur adixxa lil dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi jidher li l-fatti huma pacifici bejn il-partijiet. L-attur xtara minghand is-socjeta' konvenuta cintorin tal-massaggi ghal prezz ta' €59.90 b'garanzija ta' sentejn. Wara sitt xhur ic-cintorin ma

baqax jiffunzjona u kellu jigi mibdul, pero anke dan it-tieni wiehed ukol gratlu l-hsara ma liema zmien pero il-prodott ma baqax jigi manifatturat u ghalhekk is-socjeta' konvenuta offriet credit note minflok flus. L-attur irrifjuta.

Ikkunsidra

Illi f'kuntratt ta' bejgh, l-obbligu tax-xerrej huwa illi jhallas ghall-oggett mixtri, waqt li l-obbligu tal-bejjiegh huwa li jikkonsenja l-oggett mixtri fi stat tajjeb u funzjonati ghall-uzu li jkun intiz. Il-garanzija qieghda hemm biex tipprezervi d-dritijjiet tax-xerrej li jkollu mohhu mistrieh li almenu ghal zmien tal-garanzija mhux ser ikollu inkwiet mill-prodott mixtri. F'dan il-kaz jidher illi dan il-prodott kellu xi diffett fil-manifattura peress illi wara biss sena u nofs tnehha mis-suq, izda l-garanzija li originarjament il-konvenut ta lix-xerrej xorta tibqa' in vigore indipendentement mir-relazzjoni mal-principal tieghu. Ix-xerrej hallas flus tajba ghall-oggett li suppost kellu jaghti certa servizz. Dan is-servizz ma nghatax u kwindi ix-xerrej ghandu dritt imur ghand il-bejjiegh, jikkunsenja l-oggett u jiehu flusu lura.

Illi l-ghoti ta' credi note mhijiex xi haga sanzjonata mill-ligi izda biss forma ta' kumpens illi tista' tigi accettata mix-xerrej. Dina hija xi haga volontarja u l-bejjiegh ma jistax jobbliga lil xerrej li jaccetta credit note flok flus kontanti.

F'dan il-kaz, l-attur irrifjuta li jircievi credit note u kif kellu dritt insista illi jiehu flusu lura.

It-Tribunal jara li l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu. Xtara oggett illi suppost kellu jaghti servizz; dan is-servizz ma nghatax u ghalhekk ghandu dritt jigi rizarcit ghall-ammont li nefaq fuq dak l-oggett.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur u jikundanna l-isocjeta' konvenuta li tirrifondilu s-somma ta' €59.90 ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bi dritt li tiehu lura c-cintorin imsemmi. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta

Michela Spiteri LL.D
Arbitru